

**Brussell, 6 ta' Diċembru 2024
(OR. en)**

15884/24

LIMITE

**CORLX 1123
CFSP/PESC 1650
COLAC 161**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319 tal-25 ta' Novembru 2022 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135.

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċizzjoni (PESK) 2022/2319.
- (2) Fit-28 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċizzjoni (PESK) 2023/15742, li emendat id-Deċizzjoni (PESK) 2022/2319, li tistabbilixxi qafas iddedikat għal miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti u għal azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Haiti, kif ukoll kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li baqa' estremament imħasseb dwar is-sitwazzjoni fil-Haiti. Huwa appella għall-iskjerament sħiħ tal-Missjoni Multinazzjonali ta' Appoġġ għas-Sigurtà biex tassisti lill-Pulizija Nazzjonali tal-Haiti fil-ġlieda kontra l-vjolenza minn gruppi organizzati u tirrestawra l-istat tad-dritt. Il-Kunsill Ewropew appella wkoll għal sanzjonijiet ġodda mmirati kontra individwi u entitajiet responsabbli għall-vjolenza, bl-għan li jgħin sabiex jerġa' jkun hemm il-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Haiti.

² Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1574 tat-28 ta' Lulju 2023 li temenda d-Deċizzjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti (ĠU L 192, 31.7.2023, p. 21).

- (4) Fid-dawl tas-sitwazzjoni politika, ekonomika, ta' sigurtà u umanitarja li sejra għall-agħar fil-Haiti, inkluż ir-riżultati taż-żieda fil-vjolenza minn gruppi organizzati, l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem mingħajr remissjoni mwettqa mill-gruppi organizzati, u l-impunità kontinwa għall-awturi, jenħtieġ li tliet persuni jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319, taħt l-intestatura "A. Lista ta' persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 2a(1) u fl-Artikolu 3a(1)", tiżdied it-tabella li ġejja:

“

	"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
1.	Jonel CATEL magħruf wkoll bħala Johns CATHEL	Funzjoniji: Kap tal-grupp organizzat Terre Noire (affiljat mal-koalizzjoni tal-gruppi organizzati G9) Nazjonalità: Haitjana Sess: raġel	Jonel Catel huwa l-mexxej tal-grupp organizzat Terre Noir, li huwa affiljat mal-koalizzjoni tal-gruppi organizzati tal-G9 fil-Haiti. Taħt il-kmand tiegħu, il-grupp organizzat Terre Noir iwettaq atti ta' vjolenza u attivitajiet kriminali fil-Haiti, inkluż serq, talbiet għal riskatt, ħtif ta' persuni, estorsjoni, omiċidju volontarju u stupru. Għalhekk, Jonel Catel huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fil-Haiti, inkluż it-twettiq ta' attivitajiet kriminali u vjolenza li jinvolvu gruppi armati u networks kriminali li jippromwovu l-vjolenza, inkluż ħtif ta' persuni, omiċidji u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni.

	"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
2.	Gabriel JEAN-PIERRE magħruf ukoll bħala Ti-Gabriel; Ti Gabriel; Gabo	Funzjoni: kap tal-koalizzjoni tal-gruppi organizzati GPep (affiljata mal-grupp organizzat Brooklyn) Data tat-twelid: 31.03.1984 Nazjonalità: Haitjana Sess: raġel	Gabriel Jean-Pierre huwa l-kap tal-koalizzjoni tal-gruppi organizzati GPep fil-Haiti, li hija affiljata mal-grupp organizzat ta' Brooklyn. Taħt il-kmand tiegħu, il-GPep wettaq atti ta' vjolenza u attivitajiet kriminali fil-Haiti, inkluż estorsjoni, qerda ta' proprjetà, ħtif ta' persuni, assassinju u stupru. Għalhekk, Gabriel Jean-Pierre huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fil-Haiti, inkluż it-tweqqi ta' attivitajiet kriminali u vjolenza li jinvolvu gruppi armati u networks kriminali li jippromwovu l-vjolenza, inkluż ħtif ta' persuni, omiċidji u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta din id-deċiżjoni.

	"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
3.	Ferdens TILUS magħrufa wkoll bħala General Meyer; Jeneral Meyer; Jeneral Meyè	Funzjoni: Kap tal-grupp organizzat Kokorat San Ras Data tat-twelid: 15.09.1995 Nazjonalità: Haitjana Sess: raġel	Ferdens Tilus huwa l-mexxej tal-grupp organizzat Kokorat San Ras fil-Haiti (żona Atribonite/Majjistral). Taħt il-kmand tiegħu, il-grupp organizzat Kokorat San Ras iwettaq atti ta' vjolenza u attivitajiet kriminali fil-Haiti, inkluż omiċidju volontarju, serq, stupru, ħtif ta' persuni u approprjazzjoni indebita ta' proprjetà. Għalhekk, Ferdens Tilus huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fil-Haiti, inkluż it-tweqqif ta' attivitajiet kriminali u vjolenza li jinvolvu gruppi armati u networks kriminali li jippromwovu l-vjolenza, inkluż ħtif ta' persuni, omiċidji u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta din id-deċiżjoni.